

- li l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjoni ġdida tad-dritt nazzjonali ma jkunux jippermettu li jiġu evitati l-effetti dannużi fuq l-ambjent li jirriżultaw mill-annullament tad-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali kkontestata;
 - li l-annullament ta' din tal-aħħar ikollu bħala konsegwenza li joħloq lakuna ġuridika fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent li tkun ta' dannu ikbar għall-ambjent, fis-sens li dan l-annullament ikun jipprovdi inqas protezzjoni u għalhekk ikun imur preċiżament kontra l-għan fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, u
 - li ż-żamma eċċezzjonali tal-effetti tad-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali kkontestata tkun tkopri biss il-perijodu ta' żmien strettament meħtieġ għall-adozzjoni tal-miżuri li jippermettu li tiġi rrimedjata l-irregolarità kkonstatata.
- 2) Fl-istat attwali tal-Unjoni, qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux iktar jiġu kkontestati b'rikors ġudizzjarju għandha, fil-prinċipju, tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex din tkun tista' tevalwa jekk, eċċezjonalment, dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali meqjusa kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni jistgħux provviżorjament jinżammu, fid-dawl ta' kunsiderazzjoni imperattiva marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent u b'kunsiderazzjoni għaċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża li tkun tressqet quddiem din il-qorti nazzjonali. L-imsemmija qorti nazzjonali ma tkunx obbligata tagħmel dan biss meta tkun konvinta, aspett li għandha turi fid-dettall, li ma hemm ebda dubju raġonevoli fir-rigward tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet li jirriżultaw mis-sentenza tat-28 ta' Frar 2012, *Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne* (C-41/11, EU:C:2012:103).

(¹) ĠU C 337 12.10.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Lulju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesarbeitsgericht – il-Ġermanja) – Nils-Johannes Kratzer vs R+V Allgemeine Versicherung AG

(Kawża C-423/15) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Direttiva 2000/78/KE — Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjeg u tax-xogħol — Artikolu 3(1)(a) — Direttiva 2006/54/KE — Ugwaljanza tal-opportunitajiet u ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tal-impjeg u tax-xogħol — Artikolu 14(1)(a) — Kamp ta' applikazzjoni — Kunċett ta' "aċċess għall-impjeg, għal xogħol ta' min jaħdem għal rasu u għal xogħol ieħor" — Preżentazzjoni ta' kandidatura għal impjeg intiż li jinkiseb l-istatus formali ta' applikant biss sabiex jintalab kumpens għal diskriminazzjoni — Abbuż ta' dritt)

(2016/C 350/15)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesarbeitsgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Nils-Johannes Kratzer

Konvenuta: R+V Allgemeine Versicherung AG

Dispożittiv

L-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, u l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, għandhom jiġu interpretati fis-sens li sitwazzjoni li fiha persuna, billi tippreżenta l-kandidatura tagħha għal impjieg, tfittex li tikseb mhux dan l-impjieg, iżda biss l-istatus formali ta' applikant, bl-għan waħdieni li titlob kumpens, ma taqax taħt il-kunċett ta' "aċċess għall-impjieg jew xogħol" fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, u tista', jekk ir-rekwiżiti taħt id-dritt tal-Unjoni jkunu ssodisfatti, tiġi kklassifikata bħala abbuż ta' dritt.

⁽¹⁾ ĠU C 320, 28.09.2015

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-28 ta' Lulju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Berlin – il-Ġermanja) – Vattenfall Europe Generation AG vs Bundesrepublik Deutschland

(Kawża C-457/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni Ewropea — Direttiva 2003/87/KE — Kamp ta' applikazzjoni razione temporis — Mument tat-tneissil tal-obbligu ta' skambju ta' kwoti — Artikolu 3 — Anness I — Kunċett ta' "installazzjoni" — Attività ta' kombustjoni ta' kombustibbli fl-installazzjonijiet b'input termiku totali ta' kombustjoni li jaqbeż 1-20 MW)

(2016/C 350/16)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Berlin

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Vattenfall Europe Generation AG

Konvenuta: Bundesrepublik Deutschland

Dispożittiv

L-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, li jinkludi l- "[k]ombustjoni ta' karburanti f'installazzjonijiet b'kapaċità termika totali kkalkolata li taqbeż 1-20 MW" fil-lista ta' kategoriji ta' attività li għalihom tapplika din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu ta' skambju ta' kwoti ta' installazzjoni intiża għall-produzzjoni tal-elettriku jtnissel mill-ewwel emissjoni ta' gassijiet serra, u għalhekk possibbilment qabel l-istess bidu tal-ewwel produzzjoni ta' elettriku.

⁽¹⁾ ĠU C 398, 30.11.2015.